Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

National Book Council
Central Public Library
Prof. Joseph J. Mangion Street
Floriana FRN 1800
Malta EU

+356 27131574
joe.debattista@gov.mt

www.ktieb.org.mt

# KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA DOREEN MICALLEF 2020

## Regolamenti

Nirrakkomandaw lill-parteċipanti kollha li jaqraw ir-regoli bir-reqqa qabel ma jdaħħlu l-applikazzjoni tagħhom. Jekk għandek xi mistoqsijiet tista' tiktbilna fuq andrew.ricca@ktieb.org.mt

### Regoli Ġenerali

1. Il-konkorrenti huma mitluba jibagħtu sa poeżija waħda bil-Malti, liema poeżija m'għandhiex tkun itwal minn sitta u tletin (36) vers.

2. F'envelopp wieħed għandhom jintbagħtu bil-posta 4 kopji tal-poeżija stampati fuq karti ta' daqs A4, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni mimlija bid-dettalji kollha (l-isem tal-poeżija, il-psewdonimu, l-isem u l-kunjom, l-indirizz, in-numru tat-telefown/mowbajl u l-indirizz elettroniku)

3. Il-poeżija għandha tkun **iffirmata biss bi psewdonimu** (nom de plume).

4. Is-sottomissjonijiet għal dan il-konkors għandhom jintbagħtu bil-posta lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, il-Librerija Ċentrali Pubblika, Triq Prof. Joseph J. Mangion, Il-Furjana FRN 1800, sa mhux aktar tard **mit-Tnejn 24 ta' Awwissu 2020.** ***L-uffiċċji tagħna għadhom mhumiex ikunu miftuħa b'mod regolari - biex niżguraw li nirċievu l-applikazzjoni tiegħek jekk jogħġbok ibgħat ukoll kopja skannjata u ffirmata tal-applikazzjoni tiegħek bl-email lill-*** andrew.ricca@ktieb.org.mt

5. Tintbagħat imejl ta' konferma lill-applikant ladarba l-applikazzjoni tasal fl-uffiċċji tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6. Is-sottomissjonijiet kollha jiġu kkunsidrati anonimament minn bord ta' ġurija u d-deċiżjoni tal-ġurija hija waħda finali. Il-ġurija tkun komposta minn tliet membri magħżula mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

7. Membri fil-kumitat tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u impjegati tal-Kunsill ma jistgħux jieħdu sehem.

8. Kull min jonqos f'xi waħda minn dawn ir-regolamenti jiġi skwalifikat immedjatament.

## Regoli: Il-poeżiji

9. Is-sottomissjonijiet kollha huma ġġudikati b'mod anonimu u l-isem tal-poeta m'għandu jidher imkien fuq il-poeżija.

10. Il-poeżiji kollha għandu jkollhom titlu u m'għandhomx jaqbżu sitta u tletin (36) vers (eskluż it-titlu). Il-poeżiji jistgħu jkunu fuq kwalunkwe suġġett.

11. Il-poeżiji għandhom ikunu x-xogħol oriġinali tal-parteċipant.

12. Ix-xogħol sottomess irid ikun oriġinali u qatt ma ġie ppubblikat f'kotba, rivisti, ġurnali, websajts, fuq midja soċjali, jew kien fost ir-rebbieħa ta' konkorsi oħra qabel il-15 ta' Ġunju 2020.

## Regoli: Ir-rebbieħa

13. Ir-rebbieħa jitħabbru waqt ċerimonja ta' premjazzjoni matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2020.

14. Jiġu ppremjati l-poeżiji kklassifikati fl-ewwel tliet postijiet. L-ewwel poeżija tingħata premju ta' €1,000. It-tieni u t-tielet poeżija jingħataw vawċer li jissarraf f'kotba mingħand ħwienet lokali. Il-premjijiet jistgħu ma jingħatawx jekk il-ġurija tqis li ma jkunx intlaħaq il-livell mistenni.

15. Id-drittijiet tal-awtur ta' kull poeżija jibqgħu f'idejn l-awtur. Madankollu, bil-parteċipazzjoni tagħhom fil-konkors, l-awturi tal-poeżiji rebbieħa jagħtu lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb id-dritt li jippubblika u/jew ixandar il-poeżija rebbieħa tagħhom.